

# 1.

Darba waħda, fil-kunvent fejn kien hemm Fra Mudest, ġie Fra Mikiel biex jgħaddi xi ftit jiem qabel ma jsiefer għall-Amerka. Hemm kien se jżur lil xi qraba tiegħu li kien ilu ma jarahom.

Dan Fra Mikiel kien ħabib antik tal-Fra u tgħidx kemm

ferħu b'xulxin iż-żewġt iħbieb meta reġgħu ltaqgħu wara tant snin.

Il-Pirjol tah kamra ħdejn dik li fiha kien hemm Fra Mudest u ż-żewġ frajiet kienu jqattgħu ħafna ħin flimkien. Billi kienu ilhom ma jiltaqgħu żmien twil, iż-żewġt iħbieb kellhom ħafna x'jirrakkontaw lil xulxin.

"Ilek xejn ma tagħmel xi



waħda minn tiegħek, Mudest?" staqsieh Fra Mikiel.

"U jien mhux dejjem bil-praspar!" qallu Fra Mudest bid-daħqa. U malajr beda jirrakkontalu xi wħud mill-praspar li kien għadda minnhom u li Fra Mikiel qatt ma kien sema' bihom.